MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.
GRAZIELLA BEZZINA**

Seduta tat-18 ta' Jannar, 2013

Talba Numru. 242/2012

**Etralia Limited
C-30967**

**vs**

**Robert Tonna (ID-887851M) u
Dragon Company Limited (C-21346)**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz tat-talba li permezz tieghu l-attur iddikjara li fil-perjodu ta' bejn it-8 ta' Awissu, 2005 u t-22 ta' Marzu, 2011, is-socjeta' rikorrenti giet inkarigata mis-socjeta' intimata sabiex tbiegh, tikkonsenja u tinstalla lift u materjali relatati u tipprovdi s-servizzi relatati mal-istess lift; Illi s-socjeta' mittenti kkonsenjat dawn l-oggetti lill-intimata u pprovdiet is-servizzi kif mitluba taghmel fl-indirizz *Sa Maison Retirement Home, number 22, Marina Street, Pieta'*; Illi l-bilanc tal-prezz ta' dan il-materjal kif

ukoll is-servizzi rezi huwa ta’ elf hames mija u sitta u hamsin Ewro u tlieta u ghoxrin centezmu (€1,556.23c) u dan kif jirrizulta mill-fatturi kopja annessa u mmarkata Dok. A; Illi kif jidher mill-fatturi annessi elf, mitejn u ghoxrin Ewro u tnejn u tmenin centezmu (€1,220.82c) huwa l-prezz ta’ servizzi moghtija fuq *lift* antik illi ghandhom installat gewwa *Sa Maison Retirement Home*, u tliet mija u hamsa u tletin Ewro u tnejn u erbghin centezmu (€335.42c) huwa l-prezz tas-servizz moghtija fuq *lift* gdid installat mis-socjeta’ mittenti, wara li kienet spiccat il-garanzija fuqu;

Illi ghalkemm l-intimat gie interpellat diversi drabi, kemm verbalment u kemm bil-miktub, sabiex ihallas u ntbaghtu l-fattura, dan il-kreditu sa llum baqa’ ma thallasx;  Illi ghalhekk is-socjeta’ mittenti kienet kostretta tirrikorri ghall-proceduri odjerni;  Ghaldaqstant is-socjeta’ attrici titlob lil dan it-Tribunal sabiex jikkundanna lill-intimati ihallsu s-somma ta’ elf hames mija u sitta u hamsin Ewro u tlieta u ghoxrin centezmu (€1,556.23c) dovuta lis-socjeta’ attrici.

Bl-ispejjez u bl-imghaxijiet kummercjali.

Ra r-risposta tal-konvenuti, li permezz taghha eccepew illi t-talbiet tas-socjeta’ attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt stante: (i) Illi in via preliminari skond l-Artikolu 2151 tal-Kodici Civili tal-Kap 16 tal-ligijiet ta’ Malta; (ii) Illi ukoll in via preliminari l-intimat Robert Tonna m’ghandu ebda relazzjoni guridika mas-socjeta’ attrici stante li agixxa bhala direttur tas-socjeta’ Dragon Company Limited; (iii) Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost, l-intimati m’ghandhom l-ebda debiti fil-konfront taghhom;  (iv) Illi s-socjeta’ attrici [pprestat] servizzi lis-socjeta’ intimata li ma kienux skond l-arti u s-sengha;  (v) Salv eccezzjonijiet ulterjuri.

Semgha x-xhieda tal-partijiet, u ha konjizzjoni tad-dokumenti esebiti minnhom.

Semgha t-trattazzjoni.

Ikkunsidra,

Illi din is-sentenza tittratta dwar l-eccezzjoni ta' preskrizzjoni sollevata mill-konvenuti kif ukoll dwar l-eccezzjoni ta' nuqqas ta' relazzjoni guridika bejn is-socjeta' attrici u l-konvenut.

Illi in forza ta' din l-azzjoni, is-socjeta' attrici qed titlob hlas minghand il-konvenuti tas-somma ta' elf hames mija sitta u hamsin Ewro u tlieta u ghoxrin centezmu (€1,556.23c) li skond ir-rendikont li gie pprezentat mal-avviz tat-talba (Dok.A), jirraprezenta servizzi rezi u pprestati mis-socjeta' attrici lill-konvenuti fuq medda ta' zmien, u aktar precizament bejn it-8 ta' Mejju, 2005 sat-22 ta' Marzu, 2011.

Illi r-rapprezentant tas-socjeta' attrici spjega illi l-istess socjeta' attrici tinstalla lifts u escalators, kif ukoll tipprovdi servizz ta' mauntenzjoni u servicing tal-istess. Spjega kif il-konvenuti, jew min minnhom, kienu jinkarigaw is-servizzi tas-socjeta' attrici ghal dak li jirrigwarda s-servicing ta' lift li kien jinsab fil-fond *Sa Maison Retirement Home*, u li eventwalment anke installaw lift gdid f'din l-istess proprjeta'. Illi r-relazzjoni kummercjali bejn il-partijiet kienet wahdha tajba, u fil-fatt il-konvenuti kienu jhallsu regolarment ghas-servizz ta' manutenzjoni li kienet tippresta s-socjeta' attrici. Madanakollu, wara li s-socjeta' attrici installat il-lift il-gdid, irrizultatlu xi hsara wara li kienet skadiet il-garanzija, u peress illi s-socjeta' attrici kienet qed titlob hlas ghas-servizz ta' riparazzjoni li kienet ser tghamel, u anke talbet hlas ta' depozitu ghall-parts li kienu ser jigu ordnati, il-konvenuti qatghu l-kuntatt mas-socjeta' attrici.

Illi r-rapprezentant tas-socjeta' attrici ddikjara wkoll illi l-hlas li kien jircievi minghand il-konvenuti kien ikun permezz ta' cheques, rilaxxjati mis-socjeta' Dragon Company Limited, filwaqt illi kien ikun il-konvenut li kien jiffirma l-*job sheets* relattivi ghas-*servicing* li kien isir. Xehed ukoll illi l-ahhar pagament li gie mwettaq mill-konvenuti, jew min minnhom, sar fl-2009.

Illi l-konvenut xehed li huwa jokkupa l-kariga ta’ direttur fi hdan is-socjeta’ konvenuta, oltre li hu flimkien ma’ martu u uliedu, huma azzjonisti fi hdan l-istess socjeta’. Xehed illi r-relazzjoni kummercjali tas-socjeta’ attrici kienet unikament mas-socjeta’ konvenuta, u mhux mieghu personali. Jikkontendi wkoll illi l-ammont reklamat mis-socjeta’ attrici permezz ta’ din l-azzjoni mhux dovut, u dan l-ghaliex il-fatturi relattivi ghall-perjodu bejn l-2005 u l-2007 huma mhallsa, filwaqt illi dawk tal-2011 huma relattivi ghal-lift il-gdid li gie installat mis-socjeta’ attrici, u li ghalhekk m’ghandux ihallas ghalihom. L-istess socjeta’ konvenuta pprezentat kopji ta’ diversi cheques indirizzati lis-socjeta’ attrici, bl-eccezzjoni ta’ wiehed li huwa indirizzat lid-direttur tas-socjeta’ attrici, li kolha thallsu minn kont bankarju irregistrat f’isem is-socjeta’ konvenuta. Illi dawn il-hames-(5) cheques huma datati 30 ta’ Mejju, 2009, 29 ta’ Mejju, 2005, 26 ta’ Mejju, 2005, 3 ta’ Dicembru, 2009 u 30 ta’ Mejju, 2009.

Ikkunsidra,

Illi in rigward l-eccezzjoni sollevata mill-konvenuti dwar il-preskrizzjoni, u dan in bazi tal-Artikolu 2151 tal-Kap 16 ta’ Malta, jidher illi l-konvenuti qed jaghmlu referenza ghal terminu preskrittiv ta’ hames-(5) snin. Illi dan l-Artikolu tal-Ligi ma jipprovdix terminu preskrittiv specifiku, izda jaghmel referenza ghal diversi perjodi preskrittivi differenti rizultanti mill-erba’-(4) artikoli li jipprecedu dan l-Artikolu specifiku tal-ligi, filwaqt illi fis-subinciz tnejn-(2) tieghu jipprovdi wkoll li t-terminu preskrittiv ikun ta’ hames-(5) meta tkun saret dikjarazzjoni bil-miktub mid-debitur ta’ rikonoxximent tad-debitu jew hlas akkont tal-kreditu, u dan b’effett minn tali hlas jew dikjarazzjoni.

Illi ghalkemm l-konvenuti jidher li qed jindikaw it-terminu preskrittiv li a bazi tieghu tressqet l-eccezzjoni - li gie indikat bhala wiehed ta’ hames (5) snin - madanakollu, l-istess konvenuti naqsu milli jindikaw id-disposizzjoni tal-Ligi applikabbli u relattiva ghal din l-eccezzjoni. Illi f’dan ir-rigward, u fid-dawl tal-fatt illi l-insenjament tal-Qrati taghna konsistentement jipprovdi illi din it-tip ta’

eccezzjoni ghandha tigi interpretata bl-aktar mod restrittiv possibbli, allura jehtieg illi jigi stabbilit jekk il-fatt illi gie indikat it-terminu preskrittiv, minghajr ma gie indikat l-Artikolu tal-Ligi, huwiex sufficjenti sabiex tali eccezzjoni tigi kkunsidrata, u possibilment akkolta.

Illi f'dan ir-rigward qed issir referenza ghas-sentenza moghtija mill-Onorabbli Qorti tal-Appell (Sede Inferjuri) fil-kawza fl-ismijiet **Joseph Gauci vs Saviour Farrugia** deciza fit-2 ta' Gunju 2005, fejn gie ritenut illi; "*Irid jinghad ukoll illi l-proposizzjoni generika ta' l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni mill-parti nteressata ma tawtorizzax lill-gudikant biex jindividwa hu t-tip tal-preskrizzjoni li tghodd ghall-kaz. Dan ghaliex huwa l-parti li ghandu l-oneru jaghzel liema wahda mill-varji ipotesijiet prezunti mil-ligi hi applikabbli. Fin-nuqqas ta' indikazzjoni specifika l-eccezzjoni nnifisha ma tistax hlief tigi dikjarata inammissibbli. ... Minn dan kollu jitnissel illi fl-assenza ta' indikazzjoni cara u specifika tal-preskrizzjoni, il-gudikant ma jistax jiehu inizzjattiva biex jissupplixxi hu ghan-nuqqas tal-parti.*"

Illi fid-dawl ta' dan l-insenjament, u tenut kont tal-fatt illi t-terminu preskrittiv indikat mill-konvenuti huwa kontemplat mil-Ligi f'aktar minn disposizzjoni wahda tal-Kodici Civili - u ghalhekk it-Tribunal ma jistax minn jeddu jasal ghall-konkluzjoni illi qed jigi invokat xi Artikolu specifiku tal-Ligi, u mhux iehor - allura necessarjament isegwi illi n-nuqqas tal-konvenuti li jindikaw specifikament l-Artikolu tal-Ligi applikabbli ghall-kaz in ezami, iwassal sabiex tali eccezzjoni ma tistax tigi kkunsidrata.

Illi dan oltre l-fatt illi mid-dokumenti li gewipprezentati mill-istess konvenuti, senjatament kopji tac-cheques li permezz taghhom gew imwettqa hlasijiet lis-socjeta' attrici, jirrizulta illi l-ahhar pagament gie mwettaq f'Dicembru 2009, u ghalhekk inqas minn tliet-(3) snin qabel ma giet intavolata din l-azzjoni (fit-23 ta' Marzu 2012), oltre illi f'Mejju 2011, il-konvenuti gew notifikati b'att gudizzjarju, ossia ittra ufficjali, datata 20 ta' Mejju 2011. Illi tenut kont tar-relazzjoni kummercjali li kienet tezisti

bejn il-partijiet, it-terminu preskrittiv applikabbli b'mod generali ghal transazzjonijiet kummercjali, huwa ta' hames-(5) snin. Illi jsegwi ghalhekk illi fil-kaz in ezami ma kienx hemm id-dekors ta' dan il-perjodu preskrittiv. Ghaldaqstant, din l-eccezzjoni qed tigi respinta.

Ikkunsidra,

Illi in rigward l-eccezzjoni tal-konvenut Robert Tonna li mhux il-legittimu kontradittur u li ma tezisti ebda relazzjoni guridika bejnu – fil-kwalita' personali tieghu – mas-socjeta' attrici, issir referenza ghall-atti processwali, senjatament id-deposizzjoni li nghatat mill-istess konvenut li ddikjara illi hu, fil-kwalita' tieghu ta' direttur tas-socjeta' konvenuta, jiggestixxi *Sa Maison Retirement Home*, oltre li pprezenta serje ta' cheques indirizzati lis-socjeta' attrici mahruga mis-socjeta' konvenuta. Illi mill-atti processwali ma jirrizulta ebda ness guridiku bejn is-socjeta' attrici u l-konvenut fil-kwalita' personali tieghu, hlief ghad-dikjarazzjoni – mhux sostanzjata – tar-rapprezentant tas-socjeta' attrici, illi l-konvenut kien jiffirma l-*job sheets* relattivi ghax-xoghol li kien isir.

Illi ghalkemm ir-rendikont a fol. 2 tal-atti huwa indirizzat lill-konvenut, madanakollu, il-hlasijiet li kienu jigi mwettqa lis-socjeta' attrici, kienu jsiru mis-socjeta' konvenuta, u dan iwassal lit-Tribunal ghall-konvinciment illi s-servizzi li s-socjeta' attrici kienet qedha tippresta, kienet qedha tirrendihom fuq inkarigu tas-socjeta' konvenuta, u mhux tal-konvenut personalment. Ghaldaqstant, din l-eccezzjoni tal-konvenut tirrizulta gustifikata, u ghalhekk qed tigi akkolta.

Ghaldaqstant, filwaqt illi t-Tribunal jichad l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni sollevata mill-konvenuti, jilqa' l-eccezzjoni sollevata mill-konvenut Robert Tabone li m'huwiex il-legittimu kontradittur u ghalhekk qed jigi liberat mill-osservanza tal-gudizzju, u jordna l-proseguiment tas-smiegh tal-kawza fil-mertu limitatament fil-konfront tas-socjeta' konvenuta.

Jirrizerva li jipprovdi dwar l-ispejjez fis-sentenza finali.

**< Sentenza In Parte >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------